MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2014

Numru. 1084/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Josef Buttigieg**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tal-Erbgha 5 ta' Novembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Josef Buttigieg ta' 34 sena, iben Alfred u Georgina nee' Cassar, mwieled Pieta' nhar it-23 ta' Frar 1980, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 133680M u residenti gewwa 79, Triq Wignacourt Birkirkara u bhalissa residenti il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar is-27 ta' April 2013 ghall-habta ta' bejn 11:30hrs u 13:30hrs, minn gewwa r-residenza bl-isem ta' Salmar, Misrah tas-Salib, Mellieha, ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Salvatore Borg u/jew persuna/i ohra;

2. Nhar il-31 ta' Mejju 2013 ghall-habta ta' bejn 08:15hrs u 09:30hrs, minn gewwa r-residenza bin-numru 3 Sqaq 1 Vjal l-Indipendenza, Mosta, ikkommetta serq ta' gojjellerija u flus kontanti liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Filippo u Antonia Farrugia u/jew persuna/i ohra;

3. Nhar il-15 ta' Gunju 2013 ghall-habta ta' bejn 21:40hrs u 22:35hrs, minn gewwa r-residenza bin-numru 10 Des Fleurs Triq is-Sifa Mellieha, ikkommetta serq ta' gojjellerija u flus kontanti liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok, bil-hin u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Vincent Xuereb u/jew persuna/i ohra;

4. Nhar is-17 ta' Gunju 2013 ghall-habta ta' bejn 05:30hrs u 06:30hrs, minn gewwa r-residenza bin-numru 49, Triq it-Tliet Knejjes, Balzan, ikkommetta serq ta' gojjellerija u flus kontanti liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Paolina u Abraham Borg u/jew persuna/i ohra;

5. Nhar is-27 ta' Gunju 2013 ghall-habta ta' bejn 05:55hrs u 06:35hrs, minn gewwa r-residenza bl-isem ta' Charace Triq l-Ewwel ta' Mejju, Birkirkara, ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Carmel u Maria Grazia Calleja u/jew persuna/i ohra;

6. Nhar is-17 ta' Awwissu 2013 ghall-habta ta' bejn 15:55hrs u 16:15hrs ittanta li jisraq minn gewwa r-residenza bin-numru 65 Triq Lapsi, San Giljan liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta' tieghu liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bl-ammont u bil-lok;

7. Nhar id-19 ta' April 2014 ghall-habta ta' bejn 11:45hrs u 11:55hrs ittanta li jisraq minn gewwa r-residenza bin-numru 117 Triq Il-Wied tal-Imsida, Msida, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta' tieghu liema attentat huwa aggravate bil-mezz, bl-ammont u lok;
8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provvedimenti tal-Kap 446 Artiklu 22 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Malta) Imhallef Dr Michael

Mallia LLD datata 27 ta' Lulju 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

9. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fatt li gie dikjarat

li kkolabora bis-shih mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li mhix wahda netta. Oltre' dan il-fatt ukoll li l-imputat ghandu l-vizzju tad-droga.

In vista ta' dan kollu, il-Qorti tqis li m'ghandhiex alternattiva hlief li timponi piena karcerarja effettiva. Madankollu ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni dwar ir-recidivita' ta' l-imputat tenendo kont li l-imputat ikkolabora bis-shih mal-Pulizija, l-ammissjoni bikrija tieghu kif ukoll il-problema tieghu tad-droga u li wera x-xewqa li jibda programm ta' rijabiltazzjoni tqis li m'ghandhix  zzid il-piena bi grad iehor.

Oltre' dan b'referenza ghat-tmien imputazzjoni gie vverbalizzat li l-akkuza kienet tirreferi ghal nuqqas ta' hlas ta' manteniment min-naha ta' l-imputat lil martu u li sallum il-hlas dovut sar kollu u ghaldaqstant il-Qorti mhix se titratta ma' l-imputat talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv tal-liberta' kundizzjonata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a),  261(b)(c)(e)(f), 263(a), 267, 269(g), 278(3), 279, 280(2), 289, 17, 18, 20 u 31, 49 u 50 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal erba' snin u nofs prigunerija effettiva. Ghar-ragunijiet fuq espressi taghzel li ma titrattax ma' l-imputat ghar-reat li tieghu kien instab hati fis-27 ta' Lulju 2012.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dana peress illi ma jirrizultax li gew imqabbda esperti.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex l-imputat waqt li jiskonta l-piena moghtija jkun jista′ jsegwi programm ta′ rijabiltazzjoni sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Kopja ta′ din is-sentenza u ta′ l-atti ghandhom jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------